

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 591/2008

tat-23 ta' Ġunju 2008

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 712/2007 li jistabbilixxi sejħiet permanenti għal offerti għall-bejgħ mill-ġdid fis-suq Komunitarju taċ-ċereali miżmuma mill-aġenziji ta' intervent ta' l-Istati Membri

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 43 tiegħu flimkien ma' l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 712/2007 ⁽²⁾ fetax sejħiet permanenti għall-bejgħ mill-ġdid fis-suq Komunitarju taċ-ċereali miżmuma mill-aġenziji ta' intervent ta' l-Istati Membri. Il-perjodu għat-tressiq ta' l-offerti għall-aħħar sejħa parzjali jiskadi fil-25 ta' Ġunju 2008.
- (2) Bil-għan li r-raħħala tal-bhejjem u l-industrija ta' l-għalf tal-bhejjem ikollhom provvista żgurata bi prezzijiet kompetittivi għall-bidu tas-sena tas-suq 2008/2009, jeħtieġ li l-ħażniet ta' intervent miżmuma mill-aġenzija ta' intervent ta' l-Ungerija, l-unika waħda li għad għandha ħażniet, jissuktaw isiru disponibbli fis-swieq taċ-ċereali, kif ukoll li jkunu speċifikati l-ġranet u d-dati li fihom l-operaturi jistgħu jressqu offerti, skond il-laqgħat iprogrammati tal-kumitat ta' ġestjoni ta' l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli.

Dan ir-Regolament għandu japplika fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Ġunju 2008.

(3) Jeħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 712/2007 jiġi emendat skond dan.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 712/2007, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“B'bidu mill-1 ta' Lulju 2008, iż-żmien għat-tressiq ta' l-offerti għas-sejħiet parzjali għandu jiskadi fis-13:00 (ħin ta' Brussell) l-Erbgħa d-9 ta' Lulju 2008, it-23 ta' Lulju 2008, is-6 ta' Awwissu 2008, is-27 ta' Awwissu 2008 u l-10 ta' Settembru 2008.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2008.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 299 du 16.11.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2008 (ĠU L 149, 7.6.2008, p. 61).

⁽²⁾ ĠU L 163, 23.6.2007, p. 7. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 58/2008 (ĠU L 22, 25.1.2008, p. 3).